# L-Erbatax-il Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Nies ta' ras iebsa huma: ħa jkunu jafu li hemm profeta ġo nofshom.*

Eżek 2, 2-5

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel**

F'dak iż-żmien, 2daħal fija l-ispirtu u waqqafni fuq riġlejja; u smajt
x'kien qiegħed jgħidli.

3Qalli: «O bniedem, qiegħed nibagħtek għand ulied Iżrael, ġens ta'
nies rashom iebsa, li rvellaw kontra tiegħi; dinbu kontra tiegħi, huma
u missirijiethom sal-lum stess. 4Huma nies wiċċhom sfiq u qalbhom
iebsa. Se nibagħtek għandhom, biex tgħidilhom: "Dan jgħid Sidi
l-Mulej." 5Jisimgħu u ma jisimgħux - nies ta' ras iebsa huma
– ħa jkunu jafu li hemm profeta f'nofshom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 122 (123), 1-2a.2bċd.3-4

R/. (2ċd): Għajnejna lejn il-Mulej, sa ma jkollu ħniena minna

1 Lejk nerfa' għajnejja,
int li tgħammar fis-smewwiet.
2 Ara, bħal għajnejn il-qaddejja
lejn id sidhom; hekk għajnejna lejn il-Mulej. R/.

Bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidtha;
hekk għajnejna lejn il-Mulej, Alla tagħna,
sa ma jkollu ħniena minna. R/.

3 Ħenn għalina, Mulej, ħenn għalina,
għax mitmugħa sax-xaba' bit-tagħjir.
4 Imxebbgħa għall-aħħar ruħna
biż-żebliħ tal-għonja, bit-tagħjir tal-kburin. R/.

# Qari II

*Niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija, biex tistrieħ fuqi l-qawwa ta' Kristu.*

2 Kor 12, 7-10

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

[7]Ħuti, biex ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba fil-kobor
tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli xewka f'ġismi, messaġġiera tax-Xitan,
biex toqgħod tniggiżni ħalli ma nintefaħx.

[8]Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni. [9]Iżda
hu weġibni: «Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi
tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef.»

Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex
il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija. [10]Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq
bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, bil-persekuzzjonijiet,
bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef,
inkun qawwi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 4, 18

Hallelujah. R/. Hallelujah
L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu.*

Mk 6, 1-6

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien Ġesù [1]mar lejn pajjiżu u d-dixxipli tiegħu marru
miegħu.

[2]Meta wasal is-Sibt, daħal jgħallem fis-sinagoga, u l-ħafna li semgħuh
bdew jistagħġbu u jgħidu: «Mnejn kisbu dan kollu? U x'inhu dan
l-għerf li ngħatalu biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-għeġubijiet
kbar b'idejh? [3]Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija u ħu Ġakbu
u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?» U
huma skandalizzaw ruħhom minħabba fih.

[4]Qalilhom Ġesù: «Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu
u fost qrabatu u f'daru stess.» [5]U hemmhekk ma sata' jagħmel ebda
miraklu, ħlief li qiegħed idejh fuq ftit morda u fejjaqhom; [6]u baqa'
mistagħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom.

U mar idur l-irħula ta' dawk l-inħawi jgħallem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu